# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 38/2021 RM**

**Charles Grech & Company Limited (C-2473)**

**-Vs-**

**Meet Leisure Company Limited (C-50516) u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2021 ġie maħtur Dr. Benjamin Valenzia bħala Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Gary Richard Hinks (Numru tal-Passaport Ingliż 108397973)**

**Illum, 23 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Charles Grech & Company Limited fil-15 ta' Frar 2021 fir-Reġistru tal-Qorti fejn talbet illi l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuha s-somma ta' ħamest elef disa' mija u ħmistax-il Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,915.85) rappreżentanti prezz ta' bejgħ ta' prodotti u merkanzija mibjugħa u konsenjati lid-debituri jew min minnhom Andre' Apap minnha stess.

Bl-ispejjez, inklużi dawk tas-sekwestru kawtelatorju ippreżentat kontestwalment, u bl-imgħax bl-ogħla rata permessa mil-liġi kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta Meet Leisure Company Limited ġiet notifikata permezz tal-proċedura maħsuba taħt l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 u dan skont kif awtorizzat permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Ġunju 2021;

Rat illi madanakollu, is-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata, baqgħet qatt ma dehret quddiem il-Qorti u naqset ukoll milli tikkontesta t-talba attriċi u tressaq provi, minkejja li ngħatat opportunita' li tagħmel dan;

Rat illi l-Kuratur Deputat maħtur b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2021 biex jirrappreżenta l-assenti Gary Richard Hinks, Dr. Benjamin Valenzia, ippreżenta Risposta fil-11 ta' Jannar 2022 fejn ġie eċċepit:-

*"1. Illi hu mhux edott mill-fatti tal-każ;*

*2. Illi l-esponent jitlob illi jingħata l-aħħar indirizz magħruf tal-assenti, u dettalji oħra li jistgħu jwassluh jikkomunika mal-istess assenti;*

*3. Illi s-socjeta' attrici għanda tindika t-tentativi illi saru sabiex l-assenti ġie notifikat skont il-Liġi;*

*4. Illi is-socjeta' attrici għanda tressaq dawk il-provi in sostenn tat-talbiet tagħha u min mill-partijiet allegatament xtara l-prodotti u merkanzija indikata;*

*5. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli skont il-Ligi, speċjalment f'każijiet ta' kuraturi deputati lil mhumiex edotti mill-fatti. »*

Semghet ix-xhieda ta' Pierre Sammut in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2022;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm is-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqgħet ma ppreżentatx risposta u lanqas dehret quddiem il-Qorti biex tikkontesta t-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba attriċi ġiet ippruvata jew li għandha tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentement, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tiegħu fil-grad probatorju meħtieġ mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-każ huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Illi fil-każ odjern, il-kumpannija attrici ressqet bħala xhud lill-kontrollur finanzjarju tagħha, Pierre Sammut, li xehed bil-ġurament[1] illi s-soċjeta' attriċi daħlet fi ftehim mas-soċjeta' konvenuta (Dok. PS1[2]) fejn ġie konċess lilha *credit terms* għall-ħlas tal-fornituri konsenjati lilha mingħand is-soċjeta' attriċi. Spjega illi b'mod ġenerali, is-soċjeta attriċi tesiġi li l-klijent innifsu jidħol bħala garanti u jassumi responsabbilita' personali għall-ħlasijiet dovuti mill-kumpannija debitriċi għall-fornituri, f'każ li l-ammonti dovuti ma jitħallsux entro t-termini miftiehma. Pierre Sammut ikkonferma

[1] Xhieda tas-26 ta' Ottubru 2022.
[2] Fol. 65.

s-somma dovuta mill-konvenuti hija ta' €5,915.85, liema somma tirrappreżenta t-total ta' tliet kontijiet, għaliex il-klient, Gary Hincks, kien talab li jinżammu kontijiet separati għal kull stabbiliment fejn kien isiru l-konsenji[3]. Ġie affermat minnu wkoll li s-somma appena msemmija għadha dovuta sal-lum u baqgħet qatt ma tħallset minkejja li s-soċjeta' attriċi kienet għamlet diversi tentattivi sabiex tagħmel kuntatt mal-klijent qabel infetħu dawn il-proċeduri.

Il-Qorti rat il-kopja tal-ftehim konkluż bejn is-soċjeta' attriċi, fuq naħa waħda, u l-konvenuti fuq in-naħa l-oħra u tosserva illi jinsab maqbul espressament f'dan il-ftehim, mhux kontestat mill-konvenuti, illi s-soċjeta' konvenuta kienet ingħatat kreditu ta' tletin (30) ġurnata biex tħallas għall-fornituri u dan sa ammont massimu ta' €3,500. Jirriżulta wkoll illi l-konvenut Gary Hincks[4], li ddikjara li huwa debitament awtorizzat jirrappreżenta lis-soċjeta' konvenuta fuq il-ftehim, ikkontratta mhux biss għan-nom tal-istess soċjeta' konvenuta bħala s-sid tal-istabbiliment 'Meet Argentinian Steak House' ('*the owner*') iżda wkoll f'ismu personali bħala '*the Guarantor*'. Dan il-ftehim ġie ffirmat mill-istess Gary Hincks b'aċċettazzjoni tat-termini u kundizzjonijiet kollha hemm elenkati, fosthom is-segwenti:-

*"5) The Director/s and/or Shareholders of the private company signing this agreement bind themselves personally to the Company, which accepts, in solidum together with the private company, to the performance of all obigations under these terms and conditions of credit. In particular and without prejudice to the generality of the above, they shall be personally liable, in solidum with the private company, for the payment of all overdue payments and interes due to the Company under this agreement. ...*

*6) The Guarantor hereby constitutes himself/herself, a joint and several debtor with the Establishment, in favour of the Company, which accepts, in respect of the*

---

[3] Ara statements of account Dok. PS2, PS3 u PS4, flimkien mat-transazzjonijiet rispettivi.
[4] Fir-Rikors promotur, il-kunjom tal-konvenut ġie mniżżel bħala "Hinks" minflok "Hincks" skont kif miktub fil-ftehim Dok. PS1.

*Establishment's obligations under these terms of credit. All the parties to this agreement agree that the Coampy has the right, at tis option, to proceed for the recovery of any balance due hereunder against both the Establsihment and the Guarantor or against both the Establisment and the Guarantor at the same time."*

Huwa minnu illi dan il-ftehim ma ġiex iffirmat minn Gary Hincks fil-parti li kellha tiġi ffirmata mill-garanti ('*the Guarantor*') iżda ġiet iffirmata minnu biss bħala direttur tal-kumpannija Meet Leisure Co. Ltd u bħala sid l-istabbiliment Meet Argentinian Steak House. Iżda kif diġa' imsemmi, Hinks iddikjara espressament fuq l-istess ftehim li huwa kien qed jikkontratta mas-soċjeta' attriċi u jassumi l-obbligi hemm speċifikati, mhux biss f'ismu personali bħala l-Garanti iżda wkoll f'isem u għan-nom tal-kumpannija Meet Leisure Co. Limited u bħala sid l-istabbiliment Meet Argentinian Steak House. Għalhekk il-ħtieġa tal-firma tiegħu ukoll fil-parti li tikkonċerna espressament il-garanti, **meta huwa kien diġa' ffirma bħala d-direttur tal-kumpannija debitriċi u bħala s-sid tal-istabbiliment u kien diġa' ddikjara li qiegħed jikkontratta wkoll bħala l-garanti**, ma tistax titqies ħlief bħala formalita' li n-nuqqas tagħha ma tnaqqas assolutament xejn mill-kwalitajiet li fihom l-istess Hinks deher fuq din il-konvenzjoni.

Magħdud dan il-fatt illi anke jekk għal mument, il-Qorti kellha taċċetta illi n-nuqqas tal-firma ta' Hincks ukoll fil-parti intiza għall-firma tal-garanti, ifisser li Hincks personalment *de proprio* ma jistax jitqies li huwa marbut bħala l-garanti *in solidum* tas-soċjeta' konvenuta, fi kwalsiasi każ, kif diġa' rajna, huwa kkontratta bħala d-direttur tal-istess soċjeta' konvenuta kif ukoll bħala s-sid tal-istabbiliment. F'dawn iż-żewġ kwalitajiet, huwa ntrabat personalment u *in solidum* mas-istess soċjeta' konvenuta - bis-saħħa tal-klawsola bin-numru ħamsa (fuq ċitata) - lejn is-soċjeta' attriċi għat-twettiq tal-obbligu *inter alia*, tal-ħlas tal-ammonti kollha dovuti taħt il-ftehim. Obbligu ġie assunt indipendentement mir-responsabbilita' personali u solidali tiegħu bħala l-garanti.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-konvenuti li baqgħu ma ressqu l-ebda provi kwalsiasi f'din il-kawza u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacjenti u fil-grad mehtieg fil-kamp civili, ċioe' fuq preponderanza tal-provi fuq bilanċ tal-probabbilitajiet, illi l-ammont reklamat minnha ta' €6,165.50 huwa dovut lilha mis-soċjeta' konvenuta kif ukoll mill-konvenut Gary Hincks personalment b'mod solidali mal-istess soċjeta' konvenuta. Billi evidentement id-dejn huwa wieħed kummerjċali, ikkontrattat bejn żewġ soċjetajiet kummerċjali, l-imgħax igħaddi kif maħsub fl-Artikolu 1144(1) tal-Kodiċi Ċivili, ċioe' minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' CHARLES GRECH & CO. LIMITED u tikkundanna lill-konvenuti MEET LEISURE COMPANY LIMITED u GARY RICHARD HINKS *in solidum* bejniethom iħallsu lill-istess soċjeta' attriċi is-somma ta' ħamest elef disa' mija u ħmistax-il Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,915.85) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax jiddekorri mid-data li fiha l-ħlas ta' kull fattura sar dovut.**

**L-ispejjeż kif mitluba fl-istess Rikors promotur jitħallsu mill-konvenuti wkoll *in solidum* bejniethom.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**